MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 409/2011

**Per Kristian Mattocks detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 329594 (M) bhala prokuratur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti Charles Mattocks detentur tal-karta ta l-identita` bin-numru 783946 (M)**

**vs**

**Maria Abela Marsala detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 403671 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 t’April, 2011, li permezz tieghu ippremetta in sintesi s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti nomine hu kreditur tal-intimata fl-ammont komplessiv ta’ tmienja u tletin elf, mija

u tmenin Ewro, (€38,180.00), kif indikat fl-istess premessi tar-rikorrenti;

2. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex tersaq ghal hlas minnha dovut, l-intimata baqghet inadempjenti;

3. Illi stante li l-imsemmi debitu hu cert, likwidu u dovut, giet intavolata l-procedura fit-terminu tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12;

Illi konsegwentement l-istess rikorrenti nomine talab is-segwenti:

1. Illi l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur fuq citati;

2. Illi tikkundanna lill-intimata Abela Marsala thallas is-somma komplessiva fuq indikata lir-rikorrenti nomine, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mit-8 t'April, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

Rat in-notifika tal-intimata li saret permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati;

Tirrileva li ghalkemm notifikata l-intimata baqghet ma ressqitx biex topponi l-giljottina mitluba fil-konfront taghha;

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta sintetikamnet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti nomine nforma lill-qorti li bejn Ottubru u Mejju 2010 Charles Mattocks, missier ir-rikorrenti nomine, ghadda diversi ammonti ta' flus lill-intimata Abela Marsala, komplessivament ammontanti ghal erba' u tletin elf u tlett mitt Ewro,

(€34,300.00), biex l-imsemmija ntimata tuza dan l-ammont ghall-iskop specifikat fl-istess rikors promotur;

2. Illi di piu`, l-istess intimata ghandha wkoll taghti l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u tmenin Ewro, (€ 3,880.00), konsistenti f'diversi kirjiet minnha migubra ghan-nom u in rapprezentanza tar-rikorrenti, liema ammont izda, naqset li tghaddihomlu;

3. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex taffettwa l-pagament dovut, baqghet inadempjenti;

4. Illi fil-procedura odjerna, jirrizulta li nonostante d-debita notifika, naqset tiddefendi ruhha kontra t-talba tar-rikorrenti ghall-procedura bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi;

5. Illi dan rega' gie kollu riikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Per Kristian Mattocks;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghalfejn tiskarta l-provi prodotti u konsegwentement takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

Illi konsegwentement taqta` u tiddeciedi:

1. Illi tordna li l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 fuq indikati;

2. Tiddikjara li l-intimata Abela Marsala hi debitrici tar-rikorrenti Mattocks fl-ammont komplessiv ta' tmienja u tletin elf, mija u tmenin Ewro, (€38,180.00), kif spjegat fl-istess rikors guramentat promotur;

3. Tikkundanna lill-imsemmija ntimata Abela Marsala biex thallas l-ammont hekk likwidat

fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti nomine Per Kristian Mattocks;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-8 t'April, 2011, kontra l-intimata u dan tal-ahhar, sad-data tal-effettiv pagament.

_____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------